

# FESTA TA' KRISTU RXOXT

Fiż-Żejtun żdiedet festa oħra. Dik ta' Kristu Rxoxt. Din il-festa kien ilha tinħass nieqsa, billi l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun hija waħda mill-eqdem u fost l-aktar popolari. Iżda kellu jkun is-sur Carmelo Delia, u sħabu li minkejja ħafna qtigħ il-qalb waslu biex irregalaw liż-Żejtun statwa mill-isbaħ ta' l-irxoxt, xogħol l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi.

Meta Carmelo Delia u sħabu ġew biex jorganizzaw il-festa ta' l-Irxoxt, nhar Ħadd il-Għid fil-għodu, huma sabu minn għandna l-għajnuna kollha possibli mingħajr ebda kundizzjoni u l-Banda ħadet sehem quddiem il-purċissjoni bl-akbar entużjażmu u suċċess. Min-naħa tagħna aħna sodisfatti ferm li tajna l-kontribut tagħna biex din l-attività ġdida tirnexxi u li Carmelo Delia u sħabu waslu biex il-proġett tagħhom, li huwa ta' unur għaż-Żejtun, kiseb l-akbar suċċess. Aħna kuntenti wkoll li tajna kontribut posittiv għaliex bħala għaqda Żejtunija huwa dmir tagħna li fiż-Żejtun ngħinu inizzjattivi ta' din ix-xorta anki jekk għalina ifissru aktar xogħol u sagrifiċċju.. Huwa għalhekk li l-għaqda tagħna jixirqilha l-isem taż-Żejtun.

*Il-Banda Żejtun waqt il-ħruġ tal-purċissjoni ta' l-Irxoxt.*

